MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 477/2002/1

**Joe Briffa u Iris Briffa**

**vs**

**Jean Pierre Borg, Santa Margherita Ltd u MTF Bonano Ltd u b'digriet tal-25 ta' Gunju, 2002 giet ordnata l-korrezzjoni billi l-kelma "Bonano" tigi tinqara "Bonanno"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm747.50) u fejn intqal:**
**Illi ghal habta ta' Settembru, 1999, il-konvenuti bdew xogholijiet fil-propjeta` ta' Jean Pierre Borg u Sta. Margherita Ltd, madwar sebghin pied boghod mill-propjeta` tal-atturi;**

**Illi dawn ix-xogholijiet ikkagunaw danni fil-propjeta` tal-atturi fi Flat 1, Briffa Flats, Triq il-Htajriet, Mosta, liema danni jikkonsistu f'madum imkisser u saqaf imxaqqaq, liema danni gew stmati li jiswew sitt mija u hamsin lira (Lm650.00), eskluz il-VAT, mill-Perit Noel Debattista li kien gie mqabbad mill-assigurazzjoni tal-istess konvenuti;**
**Illi l-konvenuti, nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Frar, 2000, baqghu inadempjenti;**
**L-atturi qed jitolbu il-hlas tad-danni kkagunati mill-konvenuti, u wkoll il-hlas tal-ispejjez legali tal-ittra ufficjali msemmija, tal-proceduri odjerni u wkoll tal-imghaxijiet legali.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti Jean Pierre Borg u Santa Margherita Ltd. prezentata fl-20 ta' Marzu, 2002 fejn intqal:**
**i. Illi, in linea preliminari, l-konvenut Jean Pierre Borg ma huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u ghalhekk jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, billi l-eccipjent la hu l-proprjetarju tal-fond fejn sar ix-xoghol u lanqas l-ezekutant tax-xogholijiet illi allegatament ikkagunaw id-danni lill-atturi;**
**ii. Illi, in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta Santa Margherita Limited wkoll ma hijiex il-legittima kontradittrici ghat-talbiet attrici, u ghalhekk titlob li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi ma kienetx din is-socjeta` illi esegwiet ix-xogholijiet illi, skond il-permessi attrici, kienu l-kagun tad-danni allegati mill-atturi;**
**iii. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminary wkoll, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;**
**iv. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u dwar il-meritu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma huwiex minnu illi d-danni allegati gew ikkawzati mix-xogholijiet in kwistjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Joe Briffa, il-Perit Joseph Camilleri, Jean Pierre Borg, il-Perit Noel Debattista,**

**George Bonnici, Anthony Bonanno. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kawza tirrigwarda danni fi Flat 1, Briffa Flats, Triq il-Htajriet, Mosta, liema danni allegatament gew kagunati minhabba xogholijiet li kienu qed isiru ftit il-boghod.**

**2. Jirrizulta li Anthony Bonanno kien esegwixxa dawn ix-xogholijiet f'Settembru, 1999**

**3. Jibda biex jinghad li dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, cioe li l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16, u cioe` il-preskrizzjoni ta' sentejn, jirrizulta li intbaghtet ittra ufficjali fil-25 ta' Frar, 2000, u ghalhekk din l-eccezzjoni ma treggix.**

**4. Dwar il-mertu, kif xehed l-istess Bonanno, ix-xogholijiet kienu jikkonsistu f'demolizzjoni u skavar, u kienu nizlu xi sular u nofs taht il-livell tat-triq. Kien hemm ukoll tqattigh ta' blat. Skond Bonanno x-xoghol kien qabbdu jaghmlu Jean Pierre Borg, f'isem Santa Margherita Ltd.**

**5. Jean Pieere Borg, direttur ta' Santa Margherita Ltd, jikkonferma li kien qabbad lil MTF Bonanno dwar ix-xogholijiet in kwistjoni bhala kuntratturi. Borg isostni li l-fond tal-atturi qieghed xi sebghin pied il-boghod minn fejn kienu qed isiru x-xogholijiet, u li ma kienx hemm ilmenti minn djar li kienu izjed fil-vicin.**

**6. Il-Perit Noel Debattista jikkonferma r-rapport Dok.NB1 li ghamel hu dwar il-hsarat li garrab l-attur, u dana sar fuq talba tal-assigurazzjoni. Irrizultalu li kien hemm xi qsim orizzontali. Peress li l-Perit ma kienx mar jispezzjona l-fond qabel ma bdew ix-xogholijiet hu ma setghax jikkonkludi jekk tali qsim kienx bhala rizultat tax-xoghol li kien qed isir. Pero` irrizultalu li kien hemm danni fil-plastering li hu attribwixxa ghax-xogholijiet li kienu qed isiru.**

**7. Il-Perit Joseph Camilleri wkoll ghamel rapport, esebit a fol.32 sa 35 tal-process. Hu kien acceda fuq il-post fuq talba tal-atturi, u dana qabel ma bdew ix-**

**xogholijiet. Fil-fatt u kien acceda fil-fond de quo fit-18 ta' Novembru, 1998, u kkonstata li kien hemm xi madum tal-art imxaqqaq, u xi konsenturi fit-tromba komuni. Jirrizulta li meta rega' mar fil-fond wara l-24 ta' Novembru, 1999, sab il-madum tal-kmamar tal-banju maqlugh jew miksur, u sab ukoll zewg "hair line cracks" fis-saqaf tal-kamra tal-ikel. Il-Perit jikkonferma li dawn id-danni saru minhabba x-xogholijiet li kienu ghaddejjin.**

**8. Jirrizulta li l-attur stess innota d-danni wara li l-kuntrattur beda ihaffer b'ingenji kbar. L-attur jikkonferma l-ammont ta' danni reklamati.**

**9. Fil-fehma tat-Tribunal, Santa Margherita Ltd kienet qed timpjega lill-kuntrattur sabiex jesegwixxi x-xogholijiet. Santa Margherita Ltd kienet responsabbli li tara lil min tqabbad biex jesegwixxi x-xogholijiet jaghmel dan minghajr ma jikkawza danni ghal terzi. Ma jirrizultax li Santa Margherita Ltd ma haditx tali prekawzjonijiet mehtiega. Ghalhekk fic-cirkostanzi Santa Margherita Ltd ma ghandhiex tirrispondi ghal hsarat li sofrew l-atturi. Ir-relazzjoni guridika tal-atturi dwar id-danni hija ghalhekk fil-konfront ta' MTF Bonanno Ltd. Illi minhabba fihom graw d-danni li sofrew l-atturi.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, cioe` li l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artkolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jillibera lil Jean Pierre Borg u Santa Margherita Ltd mill-osservanza tal-gudizzju, u jikkundanna lil MTF Bonanno Ltd thallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm747.50) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati minn MTF Bonanno Ltd.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------